**Paġna ta Informazzjoni għall-Istudenti**
**Sena Akkademika 2026 / 2027**

stipends & grants

Studenti li jikkwalifikaw biex jistudjaw f'Istituzzjoni Post-Sekondarja għandhom japplikaw għall-Għotjiet ta' Manteniment lill-Istudenti fil-bidu tas-sena akkademika minn fuq is-sit elettroniku: https://stipendsandgrants.gov.mt

L-istudenti għandhom bżonn kont attiv tal-e-ID biex jaċċessaw l-applikazzjoni. Fl-applikazzjoni jrid jiddaħħal ukoll in-numru tal-kont bankarju fil-format ta' IBAN. Studenti li qegħdin fl-ewwel sena tal-kors għandhom bżonn ukoll itellgħu mal-applikazzjoni kopja skennjata taċ-Ċertifikat tat-tluq mill-Iskola u Profiling (SSQ&P) (dokument ta' paġna waħda), li tikkonferma t-tlestija tal-Year 11/ Form 5 u kopja tas-Suppliment taċ-Ċertifikat relatat mal- SSC&P (dokument ta' 4 paġni). Fl-applikazzjoni onlajn trid tittella' wkoll il-lista tal-impjiegi maħruġa minn Jobsplus. Dan id-dokument jista' jigi mnizzel mis-sit www.jobsplus.gov.mt .

Biex studenti jkunu eliġibbli, jridu jissodisfaw il-kriterji tal-eliġibbilta' stabbiliti fl-Leġislazzjoni Sussidjarja 605.06. Dan jinkludi prova ta' residenza f'Malta għal ħames snin qabel il-bidu tal-kors ta' studju, u prova li jkunu temmew b'suċċess l-edukazzjoni obbligatorja fil-livell sekondarju obbligatorju.

Studenti li jinsabu eliġibbli huma intitolati li jirċievu rata ta' stipendju ta' €135.93 kull erba' ġimgħat li jkopru l-attendenza mill-1 t' Ottubru 2026 sat-30 ta' Ġunju 2027. Dan l-ammont ikun rivedut fi Frar 2027 b'zieda *pro rata f'kaz* ta' Żjieda tal-Għoli tal-Ħajja jew żidiet oħra mħabbra mill-gvern. L-ewwel stipendju għas-sena akkademika 2026/2027 jiġi kreditat fil-kont bankarju provdut fl-applikazzjoni fit- 2 ta' Diċembru 2026, filwaqt li l-aħħar stipendju jitħallas f'Awwissu 2027. Ir-rati tal-istipendji jistgħu jitnaqqsu skont l-attendenza u l-progress akkademiku tal-istudenti. Studenti li qegħdin jirrepetu jistgħu jkunu eliġibbli għall-istipendju skont l-ammont ta' sigħat li jkunu qegħdin jattendu.

Għotja tal-Bidu ta' €332.94 tiġi kreditata lilll-istudenti eliġibli kollha, ħlief dawk li jkunu qegħdin jirrepetu sena fil-kors tagħhom, dawk li biddlu kors u dawk li jkunu qegħdin jistudjaw f'kors ta' Livell Qafas Malti tal-Kwalifiki -QMK iktar baxx mill-kors li jkunu għamlu qabel. Il-ħlas isir wara li l-istudenti jkunu ikkonfermaw l-applikazzjoni tagħhom.

Studenti eliġibbli għall-istipendji, u li qegħdin jiffaċċjaw xi tbatijiet u, jew sitwazzjonijiet umanitarji li jkunu msahha bi provi, jistgħu jkunu eliġibbli għall-Għotjiet Supplimentari. L-applikazzjoni għal din l-għotja ssir mill-istess applikazzjoni onlajn. L-applikazzjoni onlajn trid timtela milll-ġdid fil-bidu ta' kull sena akkademika.

Studenti li huma ġenituri waħedhom u li jiddependu fuq l-assistenza soċjali jistgħu jibbenefikaw ukoll mill-Għotja għall-Ġenituri Waħedhom.

L-istudenti kollha huma intitolati għal 15-il jum bi ħlas ta' assenza minħabba mard, li għalihom irid jiġi ppreżentat iċ-Ċertifikat tal-Mard. Studenti li jaqbżu l-15-il ġurnata jitqiesu assenti għall-fini ta' proċessar li jsir fl-Uffiċċji għall-Għotjiet ta' Manteniment lill-Istudenti.

L-applikazzjonijiet onlajn jiftħu fl-ewwel ġimgħa t'Ottubru 2026. Studenti li japplikaw wara l-31 ta' Dicembru 2026 jiġu kkunsidrati għall-eliġibbilta' mid-data ta' meta jkunu applikaw.

Studenti li għadhom m'għalqux 16-il sena għandhom jimlew il-formola uffiċjali ta' kunsens. Kopja ta' din il-formola, li tinsab fil-websajt tat-Taqsima tal-Bord tal-Għotjiet ta' Manteniment lill-Istudenti u trid timtela minn xi ħadd mill-ġenituri jew kustodju tal-istudent/a, jiskennjaha u jtellagħa fl-applikazzjoni onlajn.

Studenti li mhumiex ċittadini tal-Unjoni Ewropeja għandhom japplikaw għall-Eżenzjoni mill-Miżati tal-Iskola (minbarra dawk li jattendu f'istituzzjonijiet privata). Għal din l-eżenzjoni, l-istudenti jistgħu jibagħtu ijmejl lill-ufficcju għall-Eżenzjoni mill-Miżati tal-Iskola fuq ***exemptionsboard.mes@gov.mt*** jew jirrikorru direttament għas-servizz tal-One Stop Shop għal aktar assistenza.

Information page for Students
Academic Year 2026 / 2027

stipends & grants

Students who are qualified to study at a Post-Secondary Institution are to apply online for the Students' Maintenance Grants through this link: https://stipendsandgrants.gov.mt .

Before applying online, students must have an active e-ID account. An IBAN account is also required to complete the application. First year students must also prepare a scanned of their School Leaving Certificate & Profiling (SSC&P) copy of all pages of their School Qualification and Profile (SSQ&P) (1 page document), confirming completion of Year 11/Form 5 and the Certificate Supplement related to the SSC&P (4 page document) and the employment history which can be downloaded from www.jobsplus.gov.mt is also compulsory.

Eligible students must satisfy the criteria established by Subsidiary Legislation 605.06. Students must be residing in Malta for a period of not less than five consecutive years preceding commencement of the relative course of studies and that they have completed their term of compulsory education.

Eligible students are entitled to receive the amount of €135.93 every 4 weeks covering 1st October 2026 to 30th June 2027. This amount is to be revised in February 2027 by a *pro rata* adjustment of the COLA increase and other increases that may be announced by the government. First stipend is to be issued on 2nd December 2026, while the last stipend for academic year 2026/2027 will be issued in August 2027 following regular attendance and satisfactory progress. One-time repeating students are eligible for stipend according to the number of hours per week.

An Initial Grant amounting to €332.94 will also be credited at the beginning of the academic year to all eligible students, except those repeating a year, those changing their course of studies and students going down an MQF Level in their studies. Payments are credited following confirmation of the online application by the student.

Stipend-eligible students facing proven hardship, and, or humanitarian difficulties may be eligible for Supplementary Allowances. Students may apply for the Supplementary Allowances through the same online application. Students need to submit their online supplementary application on a yearly basis.

Moreover, students who are single parent and rely solely on social assistance may benefit from the Single Parents' Benefit.

Students are allowed 15 days of paid sick leave for every academic year against presentation of a Medical Certificate to the respective Institution. Thus, students exceeding 15 days of certified sick leave will be considered absent for Students' Maintenance Grants' purposes.

Online applications open on the first week of October 2026. Students who apply after the 31st of December 2026 will have their eligibility determined from date of application.

Students under the age of 16, will need to fill in and submit the parent /guardian approval document available online. Parents and/or Legal Guardians of students under the age of 16, need to fill in and submit the parent/guardian approval form within their online application.

Non-EU students (except those attending a private institution) also need to apply for an Exemption from School Fees via the Exemptions' Office within the Ministry for Education and Sport. This can be done either via email sent to ***exemptionsboard.mes@gov.mt*** or by visiting the One Stop Shop in Floriane for further assistance.

***Tel:*** 153